# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 8 – IL-ĦAMIS 29 TA' AWWISSU 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm persuni mill-pubbliku jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 7**

1.1 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li ssir emenda f'para. 3.7 biex dan jaqra kif ġej: Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Fenech li jiġi rranġat il-ħajt ta' mad-dawra tal-HQ's.

1.2 Il-minuti tal-laqgħa numru 7 ġew approvati unanimament mingħajr emendi u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li s-sinjali msemmija f'para. 2.1 kienu nżebgħu.

2.2 Hawnhekk il-Viċi Sindku staqsa dwar ir-railing ta' para. 2.3, fejn is-SE infurmat li għalkemm il-materjal inxtara, fil-preżent il-ħaddiema kienu maqbudin b'xi xogħlijiet urġenti u għaldaqstant dan ir-railing kien għadu ma nbediex.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-problema fi Triq Gregorio Caraffa, imsemmija f'para. 2.6, kien għamel l-ewwel kuntatt inizjali maċ-chairperson il-Kunsillier Bugeja. Hija infurmat li kienet pruvat tagħmel kuntatt magħha hi però sal-ġurnata ma kelliex risposta u għaldaqstant kienet se tagħmel it-talba bil-miktub.

2.4 Is-SE infurmat li l-kuntrattur il-ġdid tal-ġbir tal-iskart kien beda nhar id-19 ta' Awwissu hekk kif maqbul mill-Kunsill. Hija infurmat li ġieli kien qed ikun hemm xi problemi bejnu u l-kuntrattur tal-knis minħabba l-akkumulu ta' ħmieġ li qed ikun hemm madwar l-iskips. Hawnhekk kien hemm qbil li għandhom isiru *stickers* mal-i*skips* tal-kuntrattur fejn juru li wieħed ma jistax iħalli l-borża fuq barra tal-i*skips* u li jekk jinqabad iħammeġ, wieħed jista' jeħel multa. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jerġa' jitlob is-servizz tal-*eco wardens* u jibda jara l-possibbiltà li jitwaħħlu CCTV's viċin tal-iskips għal aktar kontroll.

2.5 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa bejn il-Manager tal-MAGF, espert tas-siġar u l-perit tal-Kunsill dwar il-proġett tal-bosk. Hija infurmat li kienet se ssir laqgħa oħra fuq il-post sabiex jiġi ddeterminat eżatt kif se jitqassam ix-xogħol u f'liema ordni se jiġi esegwit. Sadanittant fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil unanimu li jkun wisq aħjar li b'konnessjoni mal-konsultazzjoni mal-pubbliku, issir konferenza stampa fuq il-post sabiex il-media wkoll tkun mgħarrfa dwar dan il-proġett. Sadanittant is-SE ġibdt l-attenzjoni li dik il-ġimgħa kienu waqgħu żewġ biċċiet friegħi kbar għal fuq Triq il-Kavallier Bonello. Kien hemm qbil li għandha twassal dan lill-Awtorità tad-Djar minħabba li dik il-parti tal-bosk kienet responsabbiltà tagħhom.

2.6 Fir-rigward ta' para. 3.4, is-SE infurmat li kienet kitbet lil GreenMT iżda sal-ġurnata kienet għadha bla risposta.

2.7 Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Prinċipal tal-Iskola dwar id-diversi punti li ssemmew u li kienet għadha qed tistenna risposta lura mingħandu.

2.8 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 3.6, mill-Enemalta kienu ssuġġerew li temporanjament isiru xi *floodlights* sabiex jitneħħa l-periklu sakemm jinħarġu l-offerti għax-xogħol. Għaldaqstant hija kienet ħejjiet l-applikazzjoni biex tintbagħat mal-*electrician* tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

2.9 Fir-rigward ta' para. 3.7 is-SE infurmat li x-xogħol li ġie ordnat kien tlesta. Hawnhekk fuq rakkomandazzjoni tas-Sindku kien hemm qbil li x-xogħol għandu jitkompla sabiex din iż-żona tidher aħjar. Kien hemm qbil li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu xi bankijiet ġodda f'din iż-żona.

2.10 Is-SE infurmat li kienet saret il-ġita għal Kemmuna minflok il-mawra bid-dgħajsa fejn kienu attendew 32 persuna. Hawnhekk il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni sabiex preferibbilment darb'oħra tinstab data fejn ma jkunx hemm attività oħra fil-lokalità minn entità lokali. Is-Sindku qabel iżda informa li ma kienx hemm data oħra available min-naħa tal-kumpanija tad-dgħajjes u għaldaqstant kellu jmexxi bid-data li tawh. Safejn hu possibbli, iżda, kulħadd qabel li nimxu fuq il-qbil li ma jsirux żewġ attivitajiet tal-lokal fl-istess ġurnata.

2.11 Hawnhekk is-SE infurmat li s-Sur Ricky Caruana, il-kuntrattur li għamel ix-xogħol fil-parkeġġ, kien lesta xi xogħlijiet oħra li kien ġibidlu l-attenzjoni dwarhom il-Kunsill. Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwaqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jitkellem mas-Sur Caruana li kien preżenti. Il-ħin kien it-8:25pm.

2.12 Il-laqgħa tkompliet fit-8:35pm fejn kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jwaħħal żewġ *bollards* kif ukoll jirranġa l-konkos u minflok jagħmel *hot asphalt*.

2.13 Is-SE infurmat li b'żieda mal-punti li ġew diskussi dwar Military Mtarfa, is-Sur Camilleri kien qed jissuġġerixxi li jsir kunċert flgħaxija. Kien hemm qbil li għalkemm l-idea ntogħġbot, għal din is-sena, dan m'għandux isir. Is-SE infurmat li mill-entitajiet kollha tal-Imtarfa kienet irċeviet biss mingħand 3 lura u filwaqt li kulħadd kien issuġġerixxa xi ħaġa jew oħra x'jagħmel, ħadd minnhom ma kien offra li jagħmel stands kbar tal-ikel kif xtaq il-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jfittex barra mill-Imtarfa għaliex xtaq li jkun hemm żona waħda bl-ikel f'parti mill-grounds tal-isptar. Kien hemm qbil ukoll li s-sottokumitat għandu jiltaqa' mal-entitajiet sabiex jiġi miftihem ezatt x'qed joffru u kif jistgħu jgħinu f'din l-attività. Għas-suġġeriment tal-Kunsillier Bugeja, ma kienx hemm oġġezzjoni li jekk ikun hemm finanzi, jinġabu xi karrettuni li kienu jintużaw bħala trasport (eż tal-pitrolju, tal-ħadid, landier, tal-ħobż, eċċ).

2.14 Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja għal *streaming* tal-laqgħat *online* kienet intbagħtet. Hawnhekk kien hemm qbil li hekk kif din tiġi approvata, is-SE kienet se tieħu ħsieb tmexxi bil-kwotazzjoni pubblika.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li wara li kien inħarġet twissija lill-kuntrattur tal-knis biex jaqta' l-ħaxix fi Triq Salvu Manduca, dan kien baqa' ma qatgħux ħlief wara xi 3 ġimgħat mid-data tat-twissija meta għandu speċifikament li jrid jagħmel ix-xogħol fi żmien 3 ijiem. Kien hemm qbil għaldaqstant li għandha tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur tal-knis.

3.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jibgħat aktar avviżi fid-djar tar-residenti u biex kemm jista' jkun, dawn ikunu kemm bl-ingliż kif ukoll bil-Malti.

3.3 Hawnhekk kien hemm qbil li għandha tinħareġ twissija formali lill-kuntrattur tat-tindif tal-latrini minħabba li l-latrina reġgħet ġiet innutata miftuħa matul il-lejl.

3.4 Is-SE ġiet mitluba tipprova tagħmel kuntatt maċ-Chairperson il-ġdida tal-Awtorità tad-Djar sabiex jiġu diskussi numru ta' punti li għandu pendenti. Is-SE infurmat li kienet saret kommunikazzjoni inizjali iżda s'issa ma kienx hemm risposta. Hija kienet se tkompli tagħmel ħilitha sabiex il-Kunsill jingħata appuntament.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu l-opportunità li jagħmel *write up* għall-gazzetta *The Times of Malta* wara li l-AKL kienet laħqet ftehim magħha biex ikun hemm numru ta' paġni fil-gazzetta li juru l-ħidma tal-Kunsilli.

3.6 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel promozzjoni tal-paġna ta' facebook ta' Military Mtarfa sabiex tkun parti mill-pubbliċità tal-attività nnifisha. Il-Kunsill qabel li għandu jonfoq madwar €100 għal dan il-għan.

3.7 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandhom jibdew jiġu organizzati korsijiet għar-residenti matul ix-xitwa. Huwa kien se jieħu ħsieb jagħmel il-kuntatti sabiex jiġu organizzati dawn il-korsijiet.

3.8 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaġġmel it-talba inizjali għall-proċess ta' devoluzzjoni tal-bandli.

3.9 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tinħareġ kwotazzjoni pubblika għal xogħol ta' *designer* mal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb xogħlijiet bħal *posters*, avviżi għal fuq *facebook*, fuljetti, eċċ. Hawnhekk is-Sindku saħaq li huwa importanti li l-Kunsill ikollu kopja diġitali tal-fuljett tal-Kunsill sabiex wieħed ikun jista' jaċċessah *online*.

3.10 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandhom jinġabu kwotazzjonjiet għal xogħol fuq il-madum fi Triq is-27 ta' April minħabba li kien qed iżomm l-ilma.

3.11 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandha tinħareġ offerta pubblika għal kuntrattur tax-xogħlijiet. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil ukoll li tinħareġ offerta oħra għall-materjal (*supplies*) kif ukoll għal traqqigħ maġġuri (*major patching*).

3.12 Għall-mistoqsija tas-Sindku sabiex jitbaxxew xi ranep tal-bankini, is-SE infurmat li preferibbilment ikun hemm il-gwida tal-perit tal-Kunsill.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

4.2 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Awwissu. Kopja tiegħu hija annessa.

## 5. MAGF – MIŻURA 313

5.1 Is-Sindku informa li hu u l-Perit kienu marru dawra mal-lokalità sabiex tinstab żona fejn għandha bżonn ta' intervent iżda li preferibbilment ma jkollhiex bżonn ta' permessi tal-MEPA sabiex issir applikazzjoni għal miżura 313. Għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill isebbaħ il-pjazza u l-belveder fi Triq San Oswald. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 6. XIRI TA' LANED TAL-ISKART U *DOGGIE BINS* GĦAL-LOKALITÀ

6.1 Sabiex tittaffa l-problema ta' ħmieġ, u anke b'mod speċjali ta' ħmieġ tal-klieb, kien qed jiġi ssuġġerit li jinxtraw numru ta' laned tal-iskart ġodda kif ukoll *doggie bins* biex jitpoġġew madwar il-lokalità. Il-Kunsill kollu qabel fuq il-kunċett iżda kien hemm qbil li għandu jsir studju żgħir fejn se jitpoġġew biex ikunu fl-aktar postijiet strateġiċi u milħuqa. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa li kemm-il darba l-laned tal-iskart u d-*doggie bins* jjitwaħħlu, dawn għandhom jitnaddfu kuljum sabiex jiġu evitati l-problemi.

## 7. KONFERMA TAS-SOTTOKUMITATI

7.1 Il-Kunsill qabel li s-Sinjuri Paul Gatt u Graziella Cortis għandhom ikunu fuq is-sottokumitat tat-Turiżmu filwaqt li s-Sinjuri Charmaine u Stephen Bonello għandhom ikunu fuq is-sottokumitat tal-attivitajiet soċjali u kulturali. Kien hemm resident ieħor li talab li jkun fuq is-sottokumitat tas-saħħa iżda dan is-sottokumitat mhux se jiġi ffurmat għalissa.

7.2 Hawnhekk il-Viċi Sindku talab il-permess sabiex jiġbed l-attenzjoni biex isiru aktar spezzjonijiet fuq barra minħabba li kien qed ikun hemm problema bil-ħmieġ b'mod speċjali. Huwa talab ukoll biex il-lista tax-xogħlijiet tal-ħaddiema tibda tintbagħat lill-Kunsilliera darba fil-ġimgħa minflok darba fix-xahar.

7.3 Minħabba li l-Kunsillier Fenech kellu numru ta' mistoqsijiet, is-SE ġibdet l-attenzjoni li ma kienx hemm lok għal punti oħra, anke għaliex kien inqabeż il-massimu ta' tlett sigħat. Min-naħa l-oħra iżda l-Kunsill qabel li dan għandu jgħaddi l-mistoqsijiet tiegħu sakemm ikun konċiż.

7.4 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech is-SE infurmat li kienet marret mal-Perit fuq is-sit fi Triq Sir Leslie Rundle fejn kien qed jiġi ssuġġerit li jsir gutter minħabba l-ilma, iżda l-Perit kien tal-opinjoni li dan ma kienx hemm bżonnu. Huwa kien issuġġerixxa iżda li wieħed josserva aħjar din il-parti tat-triq meta tagħmel ix-xita.

7.5 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar jekk twaħlitx l-angle fi Trejqet il-Qronfol, is-Sindku informa li le għaliex huwa kien għadu f'kuntatt mar-resident.

7.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech is-SE infurmat li l-ħaddiema kienu għadhom ma żebgħux is-sinjali sofor fit-trejqa tal-konkos li hemm fi Triq l-Imtarfa.

7.7 Għall-mistoqsija tiegħu dwar ilment li għamlet residenta dwar l-ilma tax-xita li jtir għal fuq il-faċċata tar-residenza tagħha fi Triq l-Imtarfa, is-SE infurmat li kienet

għamlet spezzjoni u jidher li hemm żewġ trinek quddiem ir-residenza ta' din il-persuna li qed iżommu l-ilma.

7.8 Għall-mistoqsija dwar il-bżonn ta' irranġar ta' konkos fi Triq in-Narċis, is-SE infurmat li kienet marret fuq il-post mal-Perit tal-Kunsill.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |